MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 124/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neil Harrison)**
**Vs**
**Anthony Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Settembru, 1996 u matul l-aħħar xhur qabel din d-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta awtorizzat li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u kkundannatu ghal erba' xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' € 700. Il-multa kellha tithallas b'rati ta' mitt Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat minn dak in-nhar. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux inhallsin.

Jekk xi parti mill-esebiti kien ghadhom mhux distrutti, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni taghhom taht il-harsien tar-Registratur.

Il-Qorti m'applikatx l-artikolu 533 ghaliex l-esperti kienu nhatru matul l-inkjesta w dawn wettqu l-inkarigu taghhom qabel is-16 ta' Jannar, 2006.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti li tikkoncerna l-piena, u dan billi timponi piena aktar gusta w ekwa ghal fattispeci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Marion Camilleri, ghall-appellant, irrinunzjat ghall-aggravju li jirrigwarda n-nullita' tal-proceduri minhabba in-nuqqas allegat li l-akkuza ma

gietx moqrija w ikkonfermata bil-gurament mill-Ispettur Prosekutur.

Rat l-aggravji kollha l-ohra tal-appellant.

Dan l-appell issa huwa limitat ghall-piena, ghaliex it-tieni aggravju propjament jirrigwarda aspett kosmetiku tal-akkuza, fis-sens li ma kellha ghalfejn tintalab ebda korrezzjoni tal-akkuza originali wara li sehh is-separazzjoni tal-gudizzju bejn l-appellant odjern u l-ko-akkuzata.

Rat illi l-Qorti erogat piena taht il-minimu ta' sitt (6) xhur prigunerija anki minhabba l-fatt illi l-appellant kien ikkopera mal-Pulizija w ghalhekk kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w, minflok minimu ta' sitt (6) xhur prigunerija applikabbli ghall-kaz erogat piena karcerarja ta' erba' (4) xhur prigunerija.

Illi mehud kollox in konsiderazzjoni, partikolarment il-fedina penali refrattarja tal-appellant li minnha jirrizulta li ghal diversi drabi kien inghata sentenzi sospizi, fost sittax il-kundanna li huwa diga' ssubixxa minn dawn il-Qrati, whud minnhom ghar-reati ta' certa gravita', fic-cirkostanzi tara li m'hemm ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena w konsegwentement qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha.

Ghal dak li jirrigwarda il-hlas tal-multa, l-perjodu biex isir l-ewwel hlas jibda' jiddekkorri fl-1 t'Awissu, 2008 u fin-nuqqas ta' xi pagament rateali l-bilanc kollu jkun dovut f'daqqa w, jekk jibqa' ma jithallas, din il-multa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------